MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1044/1997/1

**Lawrence Farrugia**

**Vs**

**Fedela Carabott**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Mejju 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi, permezz ta' skrittura privata redatta min-Nutar Dottor Peter Carbonaro datata 5 ta' Gunju 1994, li kopja taghha hija annessa u esebita ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. A, l-attur kien avvanza lill-konvenuta s-somma ta' elfejn u seba' mitt lira Maltija

(Lm2700.00) in linea ta’ self *brevi manu*, bil-kundizzjoni illi l-hlas isir permezz ta’ rati mensili kif dettaljati fl-istess skrittura privata;

Premess illi l-konvenuta bdiet taghmel tali pagamenti u sat-18 ta’ Lulju 1996 kienet hallset is-somma komplessiva ta’ elf hames mija u erbgha u sebghin lira Maltija (Lm1574.00);

Premess illi wara t-18 ta’ Lulju 1996, il-konvenuta naqset illi tonora l-kundizzjonijiet ghar-ripagament, kif obbligat ruhha illi taghmel skond l-imsemmija skrittura privata, u ghalhekk ai termini ta’ l-istess skrittura privata tilfet il-beneficcju taz-zmien tal-pagament;

Premess illi ghalhekk il-konvenuta ghad ghandha thallas bilanc ta’ elf, mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm1126.00);

Premess illi minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex teffettwa l-hlas, il-konvenuta naqset milli taghmel dan;

Premess illi dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta’ l-attur, il-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x’ tissolleva kontra l-pagament ta’ l-istess;

Premess illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm1126.00), ammont lilu dovut skond l-iskrittura privata tal-5 ta’ Gunju 1994, kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Bl-ispejjez u interessi legali mit-18 ta' Lulju 1996, data li fiha sar l-ahhar pagament, sad-data tal-hlas effettiv, ai temini ta' l-imsemmija skrittura privata, kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' April tas-sena 2000 li permezz tieghu l-konvenuta giet awtorizzata tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-18 ta' April tas-sena 2000 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi t-talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt dana peress illi l-iskrittura mertu tal-kawza saret abbazi ta' kawza falza u dana ghaliex is-somma li l-attrici fil-fatt irceviet kienet ta' Lm1300 u l-kumplament kien jirrapprezenta interessi superjuri mir-rata permessa mil-ligi;

2. Illi ghal din ir-raguni il-kunsens tal-konvenuta gie simulat u dan anke peress illi l-istess skrittura hija nulla u saret bi vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet espressi tal-ligi li jirregolaw is-self u r-rati ta' l-interessi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tad-19 ta' April 2002 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

F' din l-istanza l-konvenuta qed issostni illi l-iskrittura ta' self tal-15 ta' Gunju 1994, (fol. 4), u li permezz taghha l-attur silifha l-ammont fiha specifikat, hi vizzjata fuq zewg premessi:

I. l-ezistenza ta' kawza falza;
II. is-simulazzjoni;

L-ewwel premessa certament tinkwadra ruhha f' dak dispost fl-Artikolu 987 tal-Kodici Civili li tipprovdi li hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza falza jew illecita. Illecita fis-sens meta l-kawza hija pprojbita mil-ligi, jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku (Artikolu 990 tal-Kodici Civili; **Vol. XLI P I p 684**). Il-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali (**Vol. XLI P I p 694**);

Il-konvenuta tikkontendi illi l-kawza falza jew illecita tikkonsisti fil-fatt illi l-iskrittura timmaskera l-uzura. Hi fil-fatt issostni illi l-ammont li nghatat b' self kien elf u tliet mitt lira Maltija (Lm1300) u mhux s-somma raffigurata ta' elfejn u seba' mitt lira Maltija (Lm2700). Skond kif dikjarat minnha d-differenza bejn dawn iz-zewg ammonti tirrapprezenta interessi superjuri mir-rata permessa mil-ligi;

Huwa pacifikament akkolt illi "fil-kaz ta' uzura gie dejjem ritenut li l-obbligazzjoni hija illecita ghall-mutwant, ghaliex il-vjolazzjoni tad-divjet tal-ligi hija maghmula unikament a

favur tieghu u kontra l-interessi tad-debitur, li hafna drabi, jekk mhux dejjem, ikollu joqghod kontra l-volonta` tieghu" (**Vol. XXX P I p 103**);

Ifisser ghalhekk li "kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi huwa null" ("**Neg. Lewis Formosa -vs- Antonio Gatt**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Novembru 1934; **Kollez. Vol. XV pagna 583** u **Vol. XVI P II p 246**);

Mil-linja difensjonali adottata mill-konvenuta hu desumibbli illi din qed tittanta tehles mill-obbligazzjoni kontrattwali taghha, minnha liberament assunta, fuq il-bazi ta' l-illecejeta tal-kawza tal-kuntratt, minnha spjegata bhala uzura, kif fuq gja ntqal;

F' kazijiet bhal dan il-Qorti trid toqghod ferm attenta illi minn naha ma thassarx ftehim, meta dan invece messu jibqa' fis-sehh, u minn naha l-ohra ma zzommx haj ftehim fejn dan jirrizultalha vizzjat ghal xi raguni valida fil-ligi;

Mill-attijiet tal-kawza din il-Qorti ftit jista' jkollha dubju illi l-konvenuta kienet, jew messha kienet, a konoxxenza ta' l-allegata illeceita` li issa qed taddebita lill-kontrattazzjoni. Dan ghaliex hi kienet kompartecipi u konsenzjenti fih. Anke jekk ghar-regola generali "*contra scriptum testimonium non scriptum testimonium non fertur*" huma ammessi l-eccezzjonijiet (**Vol. XXXIX P III p 855**) bhal f' dan il-kaz, difficilment imbaghad jista' jigi accettat bhala xi skuzanti legittima dak mistqarr mill-konvenuta fl-Affidavit taghha (fol. 35) illi hi ma tatx kaz x' qed jaqra n-Nutar jew li hi ma tantx tifhem wisq ghaliex kull ma kien jinteressaha kien li l-attur jghaddilha l-flus;

Indubbjament l-iskrittura jibqalha piz determinanti sakemm ma tigix newtralizzata minn provi skjaccanti, univoci u konkluzivi. Dan l-oneru kien jinkombi fuq il-konvenuta in kwantu hi kellha turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-

obbligazzjoni taht ezami kienet tabilhaqq kif minnha allegat;

Minn dak riskontrat mill-provi, essenzjalment ukoll id-deposizzjoni tan-Nutar Peter Carbonaro li jiddeskrivi l-kuntratt bhala wiehed normali li fil-kors tar-redazzjoni u l-qari tieghu ma gew sollevati l-ebda oggezzjonijiet, oltre dak fuq gja rilevat, ma jidherx li l-konvenuta rnexxielha tissostanzja l-eccezzjoni taghha ta' l-illeceita` jew falsita` tal-kawza;

Kif ghandu jirrizulta ovvju minn din il-konkluzjoni din il-Qorti ma zammetx kontra l-konvenuta l-fatt li nghatat il-fakolta mill-Qorti (ara verbal a fol. 10) biex tikkontesta l-iskrittura, liema azzjoni taghha mbaghad, ghal motiv mhux maghruf, hi ma pprosegwietx sal-finalita` taghha, tant li din thalliet tmur *sine die* (verbal a fol. 17) u aktar tard, dezerta wkoll (verbal a fol. 18). Dan ma ghamlitux in vista ta' dak mahsub bl-Artikolu 1226 tal-Kapitolu 16 li jippreskrivi proprju illi "l-eccezzjoni ta' nullita` tista', f' kull zmien, tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt, fil-kazijiet kollha li fihom hu nnifsu seta' jagixxi ghar-rexxissjoni." Rexxissjoni li kienet possibbli dwar kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null (Artikolu 1212 tal-Kodici Civili);

Premess dan kollu fuq espost, il-konvenuta tiddefendi ruhha wkoll bl-ecccezzjoni tas-simulazzjoni, kif kellha dritt tissolleva (**Vol. VII pagna 549; Vol. XVI P II p 2** u **Vol. XLIII P I p 227**). Allegazzjoni din fejn hu accettat u ammissibbli kull xorta ta' provi li tammetti l-ligi, anke dawk testimonjali (**Vol. XII pagna 348**) izda, li f' kull kaz, trid tigi sewwa pprovata (**Vol. XXIX P I p 837**);

Biex tirnexxi f' eccezzjoni bhal din il-konvenuta htiegilha tipprova "*che cio che si contrattava non era la verita`, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero'; anche la difficolta riducesi a questioni di fatto, indagando,*

*a poter decidere, non su cio che fu scritto 'non quod scriptum sed quod gestum' coerentemente alla massima 'acta simulata substantiam mutare non possunt'*." (**Kollez. Vol. X pagna 912**);

Minn dan appena dedott wiehed necessarjament jifhem illi l-iskop tal-konvenuta hu dak li tigi ristabilita l-verita`. Dan fis-sens illi tigi restitwita r-realta` ta' l-att ta' ftehim u mnehhija l-forma apparenti tieghu;

Issa anke kieku kellha din il-Qorti ma ddubitax mill-genwinita` tal-konvenuta, mill-kumpless tal-provi, kompriz il-konflittwalita` taghhom, ma jidherx imbaghad li din irnexxielha tiggenera xi suspett talment gravi komplimentari ghall-assunt taghha. Dan anke kieku kellha toqghod fuq meri presunzjonijiet ta' kif u meta sar it-trapass tal-flus mislufa mill-attur, u jekk hux qabel jew flimkien mar-redazzjoni ta' l-iskrittura, jew jekk inghaddewx darba jew darbtejn jew jekk in-Nutar kienx konsapevoli ta kemm ezatt ghaddew flus minn id ghall-ohra. Dawn fil-fehma tal-Qorti ma jwasslux ghal konkors ta' dawk ic-cirkostanzi gravi, precizi, univoci u konkordanti in sostenn tat-tezi tal-konvenuta. Tali konkors huwa dejjem, imbaghad, desiderabbli u mistenni, maggorment fejn ikun qed jigi attakkat kuntratt. Dan ghaliex jibqa' principju kardinali, konsagrat fil-gurisprudenza illi "*il mantenimento dei contratti e` di interesse generale perche e` principio di ordine pubblico*" u allura, "*siffatta considerazione impone che nella causa d' impugnazione di contratto, per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore*." (**Kollez. Vol. XXIV P I p 203**);

Lanqas hawn allura l-konvenuta ma rnexxielha tissostanzja din l-eccezzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, takkolji d-domanda attrici u b' hekk tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' elf mija sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm1126) bilanc ta' ammont lilha misluf *brevi manu* mill-attur bl-iskrittura tal-5 ta' Jannar 1994, kompriz l-imghaxijiet legali min-notifika tac-citazzjoni (14 ta' Mejju 1997);

L-ispejjez tal-kawza jitbatew mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------